**IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**Budu Vardosanidze**
**Shorena Mumladze**

**Illum, 14 ta' Gunju 2017**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Budu Vardosanidze,** ta' 27 sena, iben Gizo u Elza Barbagadze, imwieled Ġeorgja fil-11/08/1989 u residenti ġewwa 20, Swansea Flats, Flat 1, Triq ix-Xnejn Abjad, Marsaskala u detentur tal-passaport Ġeorġjan numru 15AB81702, u kontra **Shorena Mumladze**, ta' 29 sena, mart Vardosanidze Budu, bint Nodari u Vardo, imwielda Ġeorgja fil-25/08/1987 u residenti ġewwa 20, Swansea Flats, Flat 1, Triq ix-Xnejn Abjad, Marsaskala u detentriċi tal-passaport Ġeorġjan 15AB81761:

Akkuzati talli fid-29 ta' Diċembru 2016, għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu (11:00 hrs) u fil-jiem ta' qabel din id-data, kemm fil-konfini ta' l-Ajruport ta' Malta kif ukoll fi bnadi oħra ġewwa l-Gzejjer ta' Malta

1. Kellhom fil-pussess tagħhom, taħt il-kontroll tagħhom jew ġarru barra minn xi fond jew fid-dintorni tagħhom xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda III mingħajr ma kellu liċenza tal-Kumissarju tal-Pulizija *(Kapitlu 480, Art 5.1)*;

2. Importaw jew daħħlu ġewwa Malta jew esportaw minn Malta munizzjon *(Kapitlu 480, Art 5.2);*

Il-Qorti hija mitluba illi f'każ ta' ħtija, barra li taghti l-piena mistħoqqa skond il-liġi, tordna wkoll l-konfiska tal-munizzjon msemmi.

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Dicembru 2016, l-imputati irregistraw ammissjoni li giet debitament registrata fil-verbal tal-istess seduta.

Rat illi l-Qorti tat lill-imputati zmien ragonevoli sabiex jirrikonsidraw l-ammissjoni taghhom;

Rat li waqt l-istess udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputati regghu affermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikunsidraw il-posizzjoni taghhom;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputati;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 5.1 u 5.2 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputati, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom sitt xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba’ snin. Tordna ukoll il-konfiska tal-imsemmi munizzjon ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur